KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 484 (9-26)**

**It-Tnejn 23 ta' Marzu 2026 fis-6.00 ta' filgħaxija**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

**PREŻENTI:**

Is-Sindku Julian Borg
Il-Viċi Sindku Ryan Cachia
Il-Kunsillier Albert Pace (daħal għal laqgħa fis-6.22pm)
Il-Kunsillier Charles Vassallo
Il-Kunsillier Stephanie Vassallo

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Il-Kunsillier Christopher Farrugia
Il-Kunsillier Dominic Grech

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**484.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**484.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Viċi Sindku.

**484.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti, mibgħuta qabel lill-Kunsilliera, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Is-Sindku ressaq il-Minuti tas-Seduta 482 u 483 għall-approvazzjoni. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill approva il-Minuti bħala dokument korrett.

**484.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

Ma kienx hemm punti.

**484.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**484.3.1** Kwistjoni ta' ilma jinten minn binja Silvio Parnis

Is-Sindku irrefera għar-rapporti li saru minn diversi residenti dwar oskulazzjoni ta' ilma jinten minn Binja Silvio Parnis fi Triq Dun Manwel Zammit u r-rapporti li saru lill-awtoritajiet tas-saħħa. Hu ppreżenta komunikat minn Camilleri Preziosi Advocates. Skont ir-rapport, l-imla fil-fatt mhux kontaminat. Is-Sindku qal li l-kunsill ma rċieva l-ebda riżultati tat-testijiet li ttieħdu u talab biex tintalab kopja tar-riżultati tal-laboratorju. Hu qal li irrelevanti għal dan, ma għadux ikun hemm oskul ta' ilma fit-triq. Skont il-korrispondenza oriġinali wara l-ewwel rapporti, ġie konfermat li l-komunikazzjoni tas-servizzi ma saritx kif suppost. Is-Sindku ippropona li tintbagħat komunikazzjoni lill-Ministru tal-Housing u lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

**484.3.2** Ittra minn TM dwar Traffic management ġdid fiż-żona tal-iskola

Il-Kunsill iddiskuta iż-żewġ proposti mibgħuta u qabel li l-flow u d-direzzjoni tat-traffiku għandhom jibqgħu kif inhuma bħalissa, jiġifieri: Triq Ħal Niklusi tibqa' one-way u Triq Ħal Xluq u Triq l-Iskola jibqgħu aċċessibbli fiż-żewġ direzzjonijiet.

Barra minn hekk, il-Kunsill ikkonferma li fix-xhur li għaddew ma kienx ikkuntattjat minn residenti jew mill-amministrazzjoni tal-iskola rigward l-kwistjonijiet imsemmija fl-ittra. Ma ġewx riċevuti ilmenti jew rapporti uffiċjali fl-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill. Il-Kunsill esprima wkoll id-diżappunt u nuqqas ta' qbil fuq il-fatt li, bħala l-parti ewlenija u rappreżentant tal-residenti, ma kienx involut fil-laqgħat li saru bejn Transport Malta, il-Pulizija, u d-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Madankollu, il-Kunsill Lokali ta' Siġġiewi jibqa' impenjat biex ittejjeb is-sigurtà fit-triq u huwa lest jikkunsidra u jimplimenta kwalunkwe marka tat-triq jew sinjali vertikali meħtieġa biex tiġi assigurata s-sigurtà tal-mixi tal-pedestrians.

**484.3.3** Petizzjoni għat-tneħħija ta' Motorcycle bays fi Triq L-Imdina

Is-Sindku ppreżenta petizzjoni mir-residenti ta' Triq l-Imdina biex jitneħħew numru ta' MC bays minħabba li skont huma dawn ma għandhomx użu f'dik it-triq u qed jieħdu parkeġġ prezzjuż ta' vettura. Il-kunsill ikkunsidra it-talba u anke s-sitwazzjoni preżenti tat-triq, u unanimament qabel li jitneħħew il-parking bays tal-muturi u minflokhom jiġi parking bay ta' vettura.

**484.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**484.5** **Aġġornament – Dekasteri u responsabbiltajiet**

**484.5.1** Il-Viċi Sindku qal li qed jiġu finalizzati il-walking trails wara li dawn ġew provati kollha. Hu qal li għandu lista ta' x'hemm bżonn jitranġa, jinbidel, jiżdiedu sinjali tat-traffiku u proposta għal zebra crossing għal sigurta' u interventi oħra, fosthom:

Zebra crossing fejn il-kappella ta' San Blas
Zebra crossing Ta' Kandja lejn Callus Garden Centre
Zebra crossing Triq il-fawwara ħdejn ir-Ruħ

Hu elenka dawn il-proposti immarkati fuq pjanti. Hu fakkar ukoll fl-intervent li kellu jsir ta' anti skid fit-telgħa wieqfa ta' Għajn il-Kbira liema intervent kellu jsir minn Infrastructure Malta.
Hu qal li qed jiproponi laqgħa mal-MTA biex iressaq dawn il-proposti. Hu qal li bħalissa s-sotto kumitat qed jaħdem ukoll fuq arma tas-Siġġiewi fir-roundabout ta' Triq Mons Mikiel Azzopardi, attivita' f'Għar il-Kbir u taħdidiet edukattivi.

**484.5.2** Il-kunsillier Charles Vassallo qal li attenda s-seminar u taħriġ f'Sardenja bħala parti mill-proġett EU SOUSA mal-ASK bħala rappreżentant tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi. Hu qal li din hija opportunita' tajba fejn sar jaf ħafna nies involuti fil-kunsill lokali u kien eżerċizzju tajjeb ta' governanza u eżempju ta' Gvern Lokali, fejn kien hemm preżenti wkoll id-direttorat tal-Gvern Lokali, Presidenti tar-Reġjuni, l-Awditur Ġenerali u anka s-segretarjat. Hu irringrazzja ta' din l-opportunita' u qal li kellu l-okkażjoni jitkellem fuq il-prassi u l-ħidma tal-lokalita' tagħna fejn jidħol indafa, ambjent u s-servizz ta' ġbir tal-iskart. Hu kompla jgħid li r-reġjun tkellem fuq inizjattiva ta' rakkonti bejn anzjani u tfal li tista' ssir ukoll fil-lokalita' tagħna. Qal li bħalissa qed jikkoordina l-aħħar xogħol b'konnessjoni mal-attivita' tal-mixgħela u anka diversi ilment dwar rimi illegali fil-kampanja. Dwar dan qal li ġiet spustjata cctv mill-Girgenti għal Bur Ġabrun fejn isir rimi illegali, u anka għandu jiltaqa' mal-uffiċjali tal-ERA għal possibilta' li titwaħħal camera fit-triq Ta' Kandja. Hu qal li hemm sistema ta' cameras fi Triq Salvu Borg Olivier antika li kienet ġiet diskonnessa iżda għada fil-post li tista' tiġi utilizzata x'imkien ieħor u qed jiċċekkja dwarha. Hu qal li kellu laqgħa mas-supervisor il-ġdida taċ-ċentru anzjanità attività fejn ġew diskussi diversi attivitajiet ta' kollaborazzjoni u anka l-programm mensili. Hu qal li l-attivitajiet organizzati mill-kunsill lokali ikunu dejjem miftuħa għall-anzjani kollha u mhux biss dawk li jattendu iċ-ċentru. Qal li laqa' b'mod pożittiv il-fatt li is-sezzjonijiet ta' tagħrif organizzati miċ-ċentru anzjanità attiva jkunu wkoll miftuħa għal min hu interessat. Hu talab li jerġa jkun hemm installati il-cameras fil-bajja ta' Għar Lapsi kif kien hemm qabel saret il-ħsara. Dawn il-cameras ma kienux tal-Kunsill u lanqas supervised mill-kunsill iżda tajjeb li fil-bajja jkun hemm sistema ta' monitoraġġ.

**484.5.3** Il-Kunsilliera Stephanie Vassallo qalet li l-attività mad-Doctors for Road Safety kienet pożittiva ħafna, fejn anka tħawlu ammont sostanzjali ta' siġar. Hija qalet li flimkien mal-Viċi Sindku qed iħejju attivita' kulturali bħala ħarġa tal-farewell tat-tfal tas-sitt sena f'Għar il-Kbir u l-Buskett. Qalet li din l-attivita' hija tentattiva biex tkun inkluża mal-programm Erasmus f'Mejju meta jkun hawn grupp ta' 30 żagħżugħ barrani fi żjara is-Siġġiewi.

**484.5.4** Il-Kunsilllier Albert Pace qal li bħalissa qed isegwi l-andament tax-xogħolijiet ta' Għar Lapsi mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet. Hu saqsa jekk kienx hemm tweġiba dwar it-talba għal-laqgħa mal-Enemalta. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-laqgħa hija għal 21 t'April. Is-Sindku wieġeb li hemm tiswijiet li ilhom ġimgħat anke xhur u għalkemm konxju li kien hemm backlog mill-ħsarat tal-maltemp huwa inaċċettabbli li żona ddum daqshekk fid-dlam.

**484.6** **Aġġornament – Proġetti infrastrutturali u inizjattivi**

**484.6.1** Proġett – Vjal Kulħadd
Is-Sindku ta aġġornament tax-xogħolijiet fi Triq Mons Mikiel Azzopardi. Hu qalli bħalissa qed issir it-trinka fis-service road u infetħet il-karreġġata prinċipali. Hu qal li saru sinjali sofor temporanji u immarkati veloċità (speed limit) ta' 30km minħabba sigurta' skont ir-regolamenti. Hu qal li jmiss li tiġi rranġata ir-roundabout li tagħti lejn ta' Kandja.

**484.6.2** Reading Garden
Hu qal li ix-xogħol miexi b'ritmu tajjeb u inħareġ permess mill-BCA biex ix-xogħolijiet jibqgħu għaddejjin anka f'festi pubbliċi. Il-ħsieb li l-proġett jinfetaħ lejn l-aħħar t'April.

**484.6.3** Xogħolijiet ta' Enemalta fi Triq Lapsi
Is-Sindku ta aġġornament dwar ix-xogħolijiet u qal li hu pjanat li x-xogħol jagħlaq ix-xahar id-dieħel. Hu qal li qed tingħalaq it-trinka minn Triq il-Mitjar ta' San Niklaw lejn Triq Lapsi. Il-karreġġata infetħet għat-traffiku direzzjoni waħda.

**484.6.4** Xogħol fi Triq Bur il-Kbir
Is-Sindku ta aġġornament tax-xogħol tat-twessiegħ tat-triq. Hu qal li talab lil Infrastructure Malta biex ikun hemm iktar ħaddiema fuq il-post għax ix-xogħol mixi bil-mod. Hu qal li l-mod li qed jaħdmu qed nippruvaw li jaffettwa mill-inqas it-traffic flow. Qed isiru wkoll ħitan ġodda fejn qed jaħdmu biex anka tingħata dehra estetika aħjar lil din it-triq u jkun hemm inqas ħsarat ta' ħitan imġarrfa. Hu skedat li dan il-proġett jitlesta għal Ottubru. Qal ukoll li dan il-proġett qed jaffettwa iktar Traffic flow lejn Triq Dun Manwel Zammit li anke ġarrbet ħsarat minħabba piż ta' trakkijiet.

**484.6.5** Patching estensiv fi Triq l-Imqabba/Ta' Kandja
Is-Sindku qal li intalab intervent b'urġenza lil Infrastructure Malta għal tiswija estensiva fi Triq l-Imqabba lejn Ta' Kandja. Hu qal li din it-triq għandha diversi ħsarat li huma oltre il-manutenzjoni kontinwa tal-kunsill. Hu qal li irċevejna konferma li ser issir it-tiswija skedata għat-13 t'April 2026 matul is-sigħat ta' billejl biex ma nostakolawx it-traffiku. Sadanittant, ħa jibqa jsir patching mill-ħaddiema tal-kunsill skont il-bżonn.

**484.6.6** Xogħol fi Triq Blat il-Qamar
Is-Sindku qal li s-sitwazzjoni ta' Triq Blat il-Qamar issa hija ħażina u hemm bżonn intervent immedjat imqar patching estensiv fejn niżlet it-triq. Hu qal li din it-triq ilha skedata biex tiġi resurfaced u jsiru s-servizzi kollha skont il-ftehim ma' infrastructure Malta u x-xogħol ilu jiġi rimandat minħabba diversi raġunijiet.Is-Sindku talab ukoll li jkollna ammont allokat fil-budget għal patching biex inkunu nistgħu nipjanaw għal din is-sena.

**484.7** **Vakanza għall-Clerks – Rapport tal-Bord**
Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-rapport tal-Bord tal-Evalwazzjoni fejn fit-23 ta' Frar 2026 saru l-intervisti lill-kandidati. Il-kandidati ġew mistoqsija mill membri tal-bord mistoqsijiet relatati mal-kriterji: Abbiltajiet u Ħiliet fuq il-post tax-xogħol, Esperjenza u Għarfien tax-xogħol, Abbilta' personali, u edukazzjoni. Il-membri tal-bord taw il-punteġġ kif muri fit-tabella fir-rapport. Peress li l-uniku kandidat li applika għal skala 16 ma ġabx il-punteġġ meħtieġ, u kien hemm iktar kandidati li applikaw għal skala 15 li ġabu iktar mill-passmark, il-bord qed jipproponi li jiġu ingaġġati żewġ impjegati fuq skala 15 minflok kif inħarġet is-sejħa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tikteb lid-DLG dwar dan u filkas tipproċedi bl-ewwel żewġ kandidati skont il-punteġġi. Il-Kunsill unanimament qabel.

**484.8** **Proposta ta' tismija ta' triq il-ġdida fi Triq Eusebio Buhagiar**
Is-Sindku ressaq talba minn residenti ġodda biex jiġi propost isem uffiċjali għal triq ġdida fi Triq Eusebio Buhagiar issa li parti l kbira minnha ġiet żviluppata. Is-Sindku propona li wara dak li ġie diskuss f'seduti preċedenti, it-triq tissemma Triq in-Naħla Maltija. Il-Kunsill unanimament approva.

**484.9** **Ħarġa għall-anzjani flimkien mal-Kunsill Lokali Ħal Qormi**
Is-Sindku qal li bħala dekasteru anzjani ġejna avviċinati mill-Kunsill Lokali Ħal Qormi fejn urew ix-xewqa li ssir ħarġa bi ħlas b'kollaborazzjoni għall-anzjani għal Jum l-Omm fis-7 ta' Mejju 2026. Is-Sindku qal li qed jikkoordina l-Kunsillier Charles Vassallo. Dettalji tal-ħarġa 'il quddiem.

**484.10** **Tenders**

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li it-tenders hawn taħt qegħdin fil-proċess biex jiġu ppublikati:

- Public Convenience fi Pjazza San Nikola. Hija qalet li intbagħtet l-applikazzjoni għal fondi mill-Urban Planning Funds tal-PA.
- Vehicle for Council use – taħt l-iskema tal-LESA
- Rinnovament tal-open gym – taħt l-iskema tad-DGL

**484.11** **Ġemellaġġ mal-Belt ta' Noto fi Sqallija**

Is-Sindku qal li bi pjaċir iħabbar li l-applikazzjoni għall-ġemellaġġ mal-belt ta' Bari ġiet approvata u aċċettata mill-Ministeru tal-Affarijiet barranin Taljan ukoll u għalhekk nistgħu niproċedu għaċ-ċerimonja, li ser issir waqt il-ġita għal Noto bejn il-15 u t-18 ta' Mejju 2026. Hu qal li l-amministrazzjoni qed tħejji d-dokumentazzjoni mal-Comune di Noto. Il-membri tal-Kunsill ser ikunu koperti mill-fondi tal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-iffirmar tal-ġemellaġġ bejn Siġġiewi u Noto jikkostitwixxi ftehim ibbażat fuq il-kultura u skambji bejn iż-żewġ ibliet, u enfasizza li dan għandu jiġi sfruttat b'mod pożittiv. Huwa żied li l-lokalità ta' Noto hija vantaġġuża, anke mil-lat ta' konnessjoni u prattiċità, u tista' tiffaċilita skambji, inklużi żjarat qosra ta' anke ġurnata waħda.

**484.12** **Skemi tad-DLG għas-sena 2026**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-Iskemi ta' Finanzjament mid-Dipartiment Gvern Lokali għal din is-sena.

**484.12.1** **SPI.SCI.01.2026 - Finanzjament - Attivitajiet Kulturali Annwali 2026 (Data ta' l-għeluq – it-Tlieta, 14 ta' April 2026)**

Il-Sindku ippropona li napplikaw għal Festa għeneb bħas-snin preċedenti. Hu qal li din l-attività qegħda tikber kemm fil-popolarità u anki fl-organizzazzjoni, fejn is-sena l-oħra kellna l-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti kemm Taljani u anke Spanjoli, u fejn ġew introdotti diversi sezzjonijiet li kienu ta' suċċess. Din l-iskema ħa tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża għall-attività sa massimu ta' €20,000 (inklużа l-VAT) kull Kunsill Lokali. Il-Kunsill Lokali huwa obbligat li mas-somma mogħtija lilu jagħti l-kontribut tiegħu ta' 15%. Il-Kunsill unanimament qabel li ssir l-applikazzjoni għal Festa Għeneb għat-12 ta' Settembru 2026.

**484.12.2** **SPI.SCI.02.2026 - Finanzjament - Lokalitajiet aktar nodfa 2026 (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2026)**

Is-Sindku talab lill-Kunsillier Charles Vassallo inkarigat mit-tindif u lill-Kunsillier Stephanie Vassallo inkarigata mill-Edukazzjoni biex jikkoordinaw mal-amministrazzjoni dwar din l-attività. Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li din is-sena il-pjan huwa li ssir attività kollaborattiva' mal-Kunsill Lokali tat-Tfal u l-Eko Skola fejn jiġu involuti wkoll NGOs tal-lokal. Isir ukoll tindif b'inġenji biex jitneħħa skart ta' kostruzzjoni mormi illegalment fil-kampanja tas-Siġġiewi. Din l-inizjattiva se tiffinanzja sa massimu ta' €1,500 (inklużа l-VAT). Il-Kunsill unanimament qabel mal-proposta.

**484.12.3** **SPI.SCI.03.2026 - Finanzjament - Attivitajiet Milied 2026 (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju 2026)**

Is-Sindku ippropona li napplikaw għall-attività Il-Villaġġ ta' Nikola bħas-snin preċedenti. Huwa qal li din l-attività ħadet xejra oħra fl-aħħar sentejn fejn il-pjazza u t-toroq biswit jinbidlu f'villaġġ għat-tfal u l-familji, fejn tinżamm ukoll l-element ta' tradizzjoni Maltija, kultura u anke snajja' b'diversi bejjiegħa tradizzjonali u anka wirjiet tal-presepji u pasturi. Din l-attività tinvolvi diversi għaqdiet lokali, il-Parroċċa u d-Dar tal-providenza. Din l-iskema ħa tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża għall-attività sa massimu ta' €15,000 (inklużа l-VAT) kull Kunsill Lokali. Il-Kunsill/i Lokali huma obbligati li mas-somma mogħtija lilhom jagħtu l-kontribut tagħhom ta' 15%. Il-Kunsill unanimament qabel mal-proposta.

**484.12.4** **SPI.SCI.04.2026 - Finanzjament - Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju 2026)**

Is-Sindku ippropona li bħala parti mill-istrateġija tat-turiżmu fejn s-sotto kumitat tal-kultura qed jiffinalizza il-hiking trails, jipproponi li tiġi rranġata il-parti quddiem il-kappella ta' San Blas li hija parti minn waħda mill-mixjiet u li bħalissa qegħda fi stat ta' telqa. Hu qal li hemm bżonn tindif estensiv, tranġar ta' dwar u -trejqa u possibbiltà ta' passaġġ tal-injam għall-aċċessibilta'. Din l-iskema se tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża rikjesta skont il-marki allokati mill-Bord ta' Evalwazzjoni, fuq il-kriterji stabbiliti f'din iċ-Ċirkulari. Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali huwa obbligat li jiffinanzja 15% ma' l-ammont mogħti lilu u ħa jkun jista' jibbenefika minn finanzjament sa massimu ta' €30,000 (inkluż l-VAT). Il-Kunsill unanimament approva din il-proposta.

**484.12.5** **SPI.SCI.05.2026 - Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta Kwalità (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 24 ta' Lulju 2026)**

Is-Sindku qal li hemm bżonn full refurbishment tal-bandli f'Għar Lapsi park. Qal li diġà kien hemm bżonn tibdil, iżda issa wara l-maltemp u l-ħsarat ta' din ix-xitwa anka minħabba elementi, hemm bżonn li jinbidel il-play equipment kollu, inkluż is-safety flooring li inqala', il-ground li qiegħed imdawwar bil-ħadid li saddad kollu u l-art tal-ground li tqaxxret. Hu qalli dan il-playing field huwa frekwentat ħafna speċjalment fis-sajf u kif qiegħed joħloq periklu. Din l-iskema se tkun qed tiffinanzja 85% tal-ispiża rikjesta skont il-marki allokati mill-Bord ta' Evalwazzjoni, kif stabbiliti fil-kriterji f'din iċ-Ċirkulari sa massimu ta' €100,000 (inkluż il-VAT). Il-Kunsill/i Lokali huma obbligati li mas-somma mogħtija lilhom jagħtu l-kontribut tagħhom ta' 15% ta' somma globali. Il-Kunsill unanimament qabel.

**484.12.6** **SPI.SCI.06.2026 - Finanzjament - Karnival 2027 (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 28 ta' Awissu 2026).**

Is-Sindku ippropona li l-applikazzjoni ssir għall-attività tal-karnival organizzata bil-kollaborazzjoni mal-Ħbieb tad-Dar tal-providenza bħas-snin preċedenti. Hu qal li din hija attività li tinvolvi l-għaqdiet lokali, u b'mod speċjali tinvolvi ir-residenti tad-Dar tal-providenza bil-parteċipazzjoni ta' karru li jagħmlu huma stess minn materjal riċiklat. Din l-iskema ħa tkun qed tiffinanzja sa massimu ta' €5,000 (inkluża l-VAT). Il-Kunsill unanimament qabel.

**484.13** **Budget 2026**

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għar-rapport tal-Budget diġà mibgħut lill-Kunsilliera. Hija qabel li dan huwa suġġett li jiġi rivedut tul is-sena f'każ li jkun hemm proġetti approvati, skemi jew fondi oħra supplementari jew ċirkostanzi oħra. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-budget kif preżentat. Il-Kunsill unanimament approva.

**484.14** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-awtorità tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**484.14.1** Applikazzjoni PA07540/25 'To propose a Crematorium and a system of columbarium' s adjacent to an approved Cemetery with PA/03568/06. Proposal includes the design of a garden incorporated with the proposed columbarium' s and Crematorium. To Sanction the construction of boundary walls within the perimeter of the site'.

Is-Sindku qal li f'dan l-istadju l-Kunsill jista jitlob parir ta' espert fil-qasam. Il-Kunsillier Albert Pace qal li is-sidien talbu biex jagħmlu preżentazzjoni lill-Kunsill tal-proġett. Is-Sindku qal li l-kunsill jista' jisma' x'għandhom xi jgħidu mingħajr l-ebda involviment jew committment. Nistgħu nistednuhom għal qabel is-seduta li jmiss.

| | | |
|---|---|---|
| 484.15 | **Rapport tal-Korrispondenza**<br>Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum. |
| 484.16 | **Rapport tal-ilmenti**<br>Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum. |
| 484.17 | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**<br>Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti. |
| 484.17.1 | Is-sindku ġibed l-attenzjoni li fl-iskeda hemm pagamenti relatati mar-Reading Garden. Hu qal li dan huwa proġett ta' Project Green u l-flus ikunu ġew rifużi. |
| 484.17.2 | Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsill unanimament approva. |
| 484.18 | **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ** |
| 484.18.1 | Il-Kunsillier Albert Pace staqsa rigward talbiet għall-installazzjoni ta' lampi ġodda. Is-Sindku qal li din trid tiġi diskussa fil-laqgħa mal-Enemalta rigward konferma minn naħa tagħhom li l-lampa tista' tiġi konnessa mas-sistema għas-supply. Huwa qal li l-kunsill irid iżomm f'moħħu id-distanzi speċjalment fiż-żona rurali ħalli nirrispettaw l-ambjent. |
| 484.18.2 | Il-Kunsillier Albert Pace staqsa dwar is-siġar tal-bypass jekk hux ser jiġu spustjati, jew jinbidlu jew jibqgħu l-istess. Is-Sindku wieġeb li l-pjan oriġinali ġie approvat b'dawk is-siġar. Hu qal li issa s-siġar mhux ġejjin għat-triq u għalhekk ikunu jistgħu jinżabru iktar b'mod professjonali għax ma jkunux jostakolaw it-traffiku. |
| 484.18.3 | Il-Kunsillier Stephanie Vassallo staqsiet dettalji dwar l-attivita' Darba Waħda'. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellha laqgħa introduttorja mar-Reġjun dwar din l-attività u ser ikun hemm iktar laqgħat għal dettalji u koordinazzjoni fil-jiem li ġejjin. |
| 484.18.4 | Il-Kunsillier Charles Vassallo staqsa rigward l-isleeping policeman quddiem il-HQ tal-Pulizija Ta' Kandja. Is-Sindku wieġeb li idejalment l-entratura tal-pulizija tiġi minn triq fil-ġenb ħu mhux fil-main road u jitneħħew dawk il-humps. Hu propona laqgħa mal-Pulizija. |
| 484.18.5 | Il-Kunsillier Charles vassallo qal li kellmuh diversi residenti rigward l-ammont ta' trakkijiet li qed jgħaddu minn Triq Papa pawlu Vi. Is-Sindku qal li iż-żieda hija dovuta għad-deviations li haw bħalissa f'diversi toroq. |
| 484.19 | **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**<br>Il-laqgħa intemmet fid-9.00 ta' filgħaxija.<br>Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 27 t'April 2026 fis-6.00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 27 t'April 2026

| | |
|---|---|
| Il-Perit Julian Borg<br>Sindku | Ritienne Giorgino<br>Segretarju Eżekuttiv |